# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Frar 2010 — Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-340/07)** [1]

***("Klawżola ta' arbitraġġ — Programm 'eContent' — Kuntratt relatat ma' proġett intiż sabiex jiżgura li l-programm ikollu l-effiċjenza massima u li jkun hemm l-usa' parteċipazzjoni possibbli tal-gruppi li fil-konfront tagħhom huwa mmirat — Nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt — Xoljiment tal-kuntratt")***

(2010/C 80/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: N. Korogiannakis, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropeja (rappreżentanti: E. Manhaeve, aġent, assistit minn D. Philippe u M. Gouden, avukati)

## Suġġett

Rikors skont l-Artikoli 235 KE, 238 KE u 288 KE intiż sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tikkumpensa d-dannu subit minħabba n-nuqqas ta' twettieq, min-naħa tagħha, ta' ċerti obbligi kuntrattwali fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt EDC-53007 EEBO/27873 relatat mal-proġett intitolat "e-Content Exposure and Business Opportunities".

## Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 269, 10.11.2007.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Frar 2010 — O2 (Germany) vs UASI (Homezone)**

**(Kawża T-344/07)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Homezone — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru distintiv — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2010/C 80/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* O2 (Germany) GmbH & Co. OHG (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Fottner u M. Müller, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-15 ta' Lulju 2007 (Każ R 1583/2006-4), li tikkonċerna applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Homezone bħala trade mark Komunitarja.

## Dispożittiv

(1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-5 ta' Lulju 2007 (Każ R 1583/2006-4), hija annullata.*

(2) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 269, 10.11.2007.